MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru 905/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Ian Joseph Abdilla)
**vs**
**Paul Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Abela ta 33, bin Paul u Carmen nee' Caruana imwieled Pieta fil-31 ta' Mejju 1969, u li joqghod f'numru 104 'Orchidea', Triq Dun Karm Frendo, B'Bugia, karta ta' l-identita numru 249569(m).
Talli fil-21 ta' Lulju 2002, f'Marsaxlokk u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentament

ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, jew ghamel uzu xjentament, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew xjentament qieghed fic-cirkustanzi, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe 125 'Compact Disc' tal-muzika u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U anke b'hekk jitqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-terminu ta' Avviz Legali 120 tal-1992;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat fis-seduta ta' llum ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l-Qorti wissietu xi tfisser ammissjoni u hekk issibu hati.

Rat l-Artikolu 298 (1) tal-kap 9 u l-Avviz Legali 120 tal-1992 kif ukoll l-Artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-kondotta aktarx nadifa ta' l-akkuzat.

Waqt li ssibu hati tilliberah taht il-provediment ta' l-artikolu 22 tal-kap 446 b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) m'illum. Il-Qorti qed tfisser l-import ta' din is-sentenza lill-hati. Tordna l-konfiska ta' l-esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------